IL-KUMMISSJONI EWROPEA

IR-RAPPREŻENTANT GĦOLI TAL-UNJONI GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U L-POLITIKA TA' SIGURTÀ

Brussell, 8.3.2022
JOIN(2022) 34 final/2
Downgraded on 9.2.2023

ANNEXES 1 to 2

ANNESSI

tal-

Proposta Konġunta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna

ANNESS I

"*ANNESS XV*

LISTA TA' PERSUNI ĠURIDIĊI, ENTITAJIET JEW KORPI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 1t

Belagroprombank

Bank Dabrabyt

Development Bank of the Republic of Belarus"

ANNESS II

L-Anness Va tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) fit-test introduttorju, it-tielet paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

> "Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 1m ta' dan ir-Regolament, oġġetti mhux ikkontrollati li fihom komponent, wieħed jew aktar, minn dawk elenkati f'dan l-Anness mhumiex soġġetti għall-kontrolli skont l-Artikoli 1f u 1fa ta' dan ir-Regolament.";

(2) fil-punt i. tas-sottokategorija X.B.I.001 tal-Kategorija I — Elettronika, il-punt 1. huwa sostitwit b'dan li ġej:

> "1. Tagħmir ta' "depożitar kimiku f'fażi ta' fwar" li jopera taħt l-10^5 Pa; jew";

(3) fis-sottokategorija X.A.VII.001 tal-Kategorija VII — Ajruspazju u Propulsjoni, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

> " X.A.VII.001 Magni diżil, u tratturi u komponenti ddisinjati apposta għalihom, minbarra dawk speċifikati fis-CML jew fir-Regolament (UE) 2021/821:";

(4) fis-sottokategorija X.A.VII.002 tal-Kategorija VII — Ajruspazju u Propulsjoni, il-punt c. huwa sostitwit b'dan li ġej:

> " c. Magni tal-ajru b'turbini tal-gass u komponenti ddisinjati apposta għalihom."